MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 453/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Montanaro**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adrian Montanaro talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer, f'A-Check Garage fi Triq tas-Sriedaq, Mosta, fit-3 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn

obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew infurmati, inkella billi zied jew biddel iklawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe` certifikati tal-VRT foloz;

(2) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, filwaqt li kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe` certifikati tal-VRT foloz;

(3) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe` certifikati tal-VRT foloz;

(4) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe` certifikati tal-VRT foloz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Adrian Montanaro ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18 u 185(2) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imsemmi Adrian Montanaro hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghall-hrug tac-certifikati rigwardanti l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS-297 u kkundannatu sentejn

(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perijodu ta’ tliet (3) snin millum. Il-Qorti ddikjaratu mhux hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet. Stante li r-raba’ imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni li taghha l-appellant instab hati, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. B’applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali ordnat li l-istess Adrian Montanaro jigi skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja ta’ operatur jew tester tal-VRT jew ta’ VRT station mahruga mill-Awtorita` Dwar it-Trasport jew minn kwalunkwe Awtorita` ohra li jkollha l-poter skond il-ligi li tohrog l-imsemmija licenzji u dan ghall-perijodu ta’ sentejn (2) mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Adrian Montanaro pprezentat fis-7 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u fejn erogat il-piena msemmija u tikkonfermaha fil-bqija, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena;
**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament selettiv u zbaljat tal-provi; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena kienet sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz. Fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 l-appellant irtira l-ewwel aggravju u llimita l-appell tieghu fuq il-piena. Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel aggravju u ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju dwar il-piena.

**6.** Dwar il-piena l-appellant jghid illi hu ghandu fedina penali nadifa u illi dan l-incident kien wiehed izolat. Ghalhekk, jghid l-appellant, huwa inkoncepibbli kif l-ewwel Qorti erogat piena ta’ prigunerija, ghalkemm sospiza, fil-massimu taghha. Dan l-incident izolat ma kienx jimmerita piena daqshekk gravi. Inoltre l-ewwel Qorti *ex officio*

skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja ta' operatur jew tester tal-VRT ghal perijodu ta' sentejn. Ghalkemm mhux necessarju, lanqas ma kien hemm talba f'dan is-sens da parti tal-prosekuzzjoni. Dan, jissottometti l-appellant, ikompli juri l-kefrija tal-piena erogata mill-ewwel Qorti, u li jekk tibqa' *in vigore* se jkollha konsegwenzi serji fuq il-futur tieghu. Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar x'wassalha tordna l-iskwalifika lanqas remotament ma japplikaw ghall-kaz in dizamina.

**7.** Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Fil-kaz in ezami m'hemmx dubju li l-piena nflitta fuq l-appellant taqa' fil-parametri tal-ligi, ghalkemm fil-massimu taghha peress illi l-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn. Kwantu ghall-iskwalifika, kif korrettement jghid l-appellant stess, il-Qorti tista' tapplika skwalifika a tenur ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta *ex officio*.

**8.** Issa, din il-Qorti ezaminat l-atti fid-dettal. Jirrizulta l-ewwelnett mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant li din ghadha netta. Jirrizulta wkoll illi l-appellant kiteb lill-Awtorita` dwar it-Trasport sabiex ihassru z-zewg certifikati li huwa rrilaxxja fuq il-vettura HAS-297 <u>qabel</u> ma kellmuh il-Pulizija fuq din il-kwistjoni. Huwa minnu, kif qalet l-ewwel Qorti, li l-hrug ta' certifikati tal-VRT foloz fejn vetturi jigu certifikati bhala tajbin ghat-triq meta dan ma jkunx il-kaz jista' jwassal ghal konsegwenzi gravi. Fil-kaz odjern, pero`, ghandna kaz izolat u ma kienx hemm konsegwenzi ghax l-appellant talab it-thassir tac-certifikati ftit granet biss wara l-hrug taghhom (wiehed inhareg fit-2 ta' Marzu 2007 u l-iehor fit-3 ta' Marzu 2007 u l-appellant kiteb lill-Awtorita` fis-6 ta' Marzu 2007). Waqt sottomissjoniet orali

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Albert Ellul**, 14 ta' Lulju 2005

gie ndikat lill-Qorti li fil-prezent l-appellant ghandu tliet persuni jahdmu mieghu li m'ghandhomx jigu penalizzati billi jispiccaw bla xoghol. Din il-Qorti nnutat ukoll illi ftit aktar minn xahar wara dan il-kaz, l-appellant installa CCTV cameras biex b'hekk ikun hemm ukoll aktar trasparenza fl-operat tieghu billi jkun hemm evidenza tal-vetturi kollha li jiddahhlu ghat-testijiet. Da parti taghha l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx illi tinghata piena alternattiva.

**9.** Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' prigunerija giet sospiza izda, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, *a let off* jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, 'imqarar u mqarben', ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."** Ghalhekk, u fid-dawl ta' dak rilevat fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-iskwalifika ghandha tapplika ghalih bhala *tester* izda mhux bhala operatur.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu skwalifikat lill-appellant milli jzomm jew jottjeni licenzja ta' operatur tal-VRT jew ta' VRT station mahruga mill-Awtorita` Dwar it-Trasport jew minn kwalunkwe Awtorita` ohra li jkollha l-poter skond il-ligi li tohrog l-imsemmija licenzja u dan ghall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data tas-sentenza appellata, izda tikkonfermaha fil-bqija, u cioe` in kwantu ddikjarat lill-imsemmi Adrian Montanaro hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda limitatament in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghall-hrug tac-certifikati rigwardanti l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS-297 u kkundannatu sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-

artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perijodu ta’ tliet (3) snin; in kwantu ddikjaratu mhux hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet; in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ imputazzjoni; in kwantu ordnat li l-istess Adrian Montanaro jigi skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja ta’ *tester* tal-VRT mahruga mill-Awtorita` Dwar it-Trasport jew minn kwalunkwe Awtorita` ohra li jkollha l-poter skond il-ligi li tohrog l-imsemmija licenzja u dan ghal perijodu ta’ sentejn (2). Il-perijodu operattiv ta’ tliet snin tas-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija kif ukoll il-perijodu ta’ skwalifika jibdew jiddekorru millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellat ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------